MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 67/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Lawrence Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Lawrence Ciantar (ID no. 201674 (M)) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna li thaddem ghas-snin 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tlett mitt Euro (€300).
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-akkuza minnha nfisha hija ambigwa u ekwivoka. L-ahhar frazi "nqast milli thares id-disposizzjoni ta' dawk ir-regoli", jidher li hija zejda u repetittiva. F'kaz bhal dan, kull ambigwita` u nuqqas ta' carezza fl-akkuza ghandu jimmilita` favur l-esponent.

Illi di piu`, ma giex ampjament pruvat illi l-esponent huwa persuna li thaddem fis-sens li trid il-ligi, u ma giex pruvat lanqas li l-esponent kien persuna li kienet thaddem fis-snin indikati fl-akkuza, fl-2004 u 2005. Din kienet

kundizzjoni bazika sabiex tirnexxi l-akkuza odjerna. Fin-nuqqas ta’ dan, l-esponent ma setax jinstab hati.

Semgħet lix-xhud Stefan Azzopardi mill-Collection Section fl-Inland Revenue li ntwera l-Letter to Prosecute a fol 4. Huwa spjega li l-appellant kien fetaħ PE Number biex jimpjega n-nies miegħu. Il-PE Number kien 729035 u nfetaħ f’Jannar tas-sena 1999. *Fis-snin 2004 u 2005 ma ntbagħtu ebda pagamenti bl-FS5 u fis-sena 2005 ma ntbagħtux lanqas id-dokumenti tal-FS3 u l-FS7.*

*Ix-xhud kompla jispjega li fuq l-2004 u l-2005 il-pagamenti ma ntbagħtux. Issa fl-2004 id-dokumenti tal-FS 7 u FS3 intbagħtu. Fl-2005 ma ntbagħtux. Imbagħad tal-2005 intbagħtu wara s-sentenza.*

Fil-kontro-eżami x-xhud ikkoneram li huwa kien qiegħed jaħdem fil-Collection office u mhux fil-Legal Office.

**L-Ewwel Aggravju**

L-appellant jissottometti li l-akkuża hija ambigwa u li fiha frażi li hija żejda u repetitiva.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-imputazzjoni. L-aħħar frażi ‘nqast milli tħares id-dispożizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli’ prattikament tirreferi għal dak li jingħad qabel dwar id-dispożizzjonijiet tal-Liġi li allegatament kiser l-appellant. Fil-fehma tal-Qorti iċ-ċitazzjoni hija ċara biżżejjed u ma toħloq ebda diffikulta’ għall-appellant biex jifhimha. Il-Qrati dejjem qalu li ċ-ċitazzjoni hija ‘avviso a comparire’ u għalhekk huwa biżżejjed li jkun hemm ħjiel tajjeb dwar x’akkuża wieħed qed jiffaċċja. Mill-kliem taċ-ċitazzjoni min jirċeviha jaf dwar x’nuqqasijiet qed ikunu mputati lilu taħt il-Kap 372 jew ir-regolamenti tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-tieni aggravju.**

Skont l-appellant ma saritx il-prova li l-appellant kien iħaddem in-nies skont il-Liġi. Matul it-trattazzjoni kien hemm enfasi li min tela' jixhed mhux mil-Legal Office jew mir-Registration Office u kien hemm ukoll tqabbil ma' dak li jsir fil-każi tal-VAT. L-ewwelnett għandu jingħad li fil-każ tal-VAT hemm registration form li toħroġ mil-Liġi waqt li fil-każ tal-Income Tax din kienet formola li ħoloq id-dipartiment stess għal għanijiet amministrattivi.

Iżda l-preżenza tal-formola għall-Income Tax mhix 'sine qua non.' Lanqas ma hu possibbli li min ikun fir-registration section jew fil-legal section ikun jaf u jagħraf kull persuna li tkun irreġistrat kemm bħala tax payer jew inkella bħala persuna li tħaddem kemm jekk il-persuna tkun irreġistrat meta l-uffiċjal ikun jaħdem fid-dipartiment u wisq aktar jekk din tkun irreġistrat qabel ma dan l-uffiċjal beda jaħdem. U dan jgħodd ukoll għall-uffiċjali tal-VAT li jinbidlu minn żmien għal żmien. Ukoll jekk jibqgħu l-istess persuni ma jkunx possibbli li dawn jagħrfu lil kull persuna individwalment.

Wieħed jifhem li huwa dritt tal-imputat jew l-appellant li jiċċalinġja dokument jew informazzjoni li jixhed fuqu jew dwarha xi uffiċjal tad-dipartiment jekk l-imputat jew l-appellant jidhirlu li din l-informazzjoni mhix korretta. Jekk hemm bżonn jintalab li jinġieb il-file relattiv għax l-oneru tal-prova xorta jibqa' fuq il-Prosekuzzjoni. Iżda jekk l-imputat jew l-appellant ma jiċċalinġjax din l-informazzjoni, min jiġġudika jrid jiddeċiedi li joqgħod fuqha jew le.

Din il-Qorti jidhrilha li għandha taċċetta x-xhieda ta' Stefan Azzopardi bħala veritjiera u u għalhekk qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

## Konklużjoni

Il-Qorti qed tiċħad iż-żewġ aggravji tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Lawrence Ciantar' fit-3 ta' Frar 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------